# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Frar 2001**

**Numru 66**

**Citaz. numru 834/95 DS**

George Micallef u Emanuel Vella
vs
Pauline Fenech

Illum, 13 ta' Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Gunju 1995 li permezz tieghu l-atturi wara li ppremettew:

Illi gew inkarigati mill-konvenuta sabiex jaghmlu xoghol ta' twaqqiegh u rekostruzzjoni gewwa l-fond 125, St. Helen Street, Sliema.

Illi dan ix-xoghol ilu li tlesta mit-28 ta' Settembru 1993, u kif jidher mill-kontijiet mahruga mill-Perit Alberto Miceli hawn annessi u mmarkati Dok. "A" l-atturi ghandhom jithallsu mill-konvenuta Lm983.40 (disa mija tlieta u tmenin liri Maltin u erbghin centezmu) ghall-xogholhom u ghal spejjez li ghamlu konnessi ma dan l-istess xoghol.

Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont u hija baqghet inadempjenti.

talbu lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi;

1. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi is-somma ta' Lm983.40 (disa mija u tlieta u tmenin liri Maltin u erbghin centezmu), rappresentanti ammont lilhom dovut ghax-xoghol li ghamlu u spejjez ta' materjal uzat ghall-bini.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Marzu 1995 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn qalet:

1. Il-konvenuta m'ghandiex thallas is-somma in kwistjoni.

2. L-atturi ma esegwewx l-appalt kif moghti u lanqas ma nkorrew l-ispejjez li qed jitolbu lill-konvenuta li thallas.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-15 ta' Dicembru 1995 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Frederick Doublet bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-21 ta' Gunju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-atturi kienu gew inkarigati biex jaghmlu xoghol ta' twaqqiegh u ta' bini fil-fond 125 St. Helen Street, Sliema. Is-somma minnhom pretiza skond ic-citazzjoni hija ta' Lm983.40 u kif rizultanti mill-kontijiet (Dok. A a fol. 4 u 5 tal-process) rilaxxati mill-Perit Alberto Miceli. Il-konvenuta qed tikkontesta dan l-ammont.

L-attur George Micallef xehed li x-xoghol sar taht id-direzzjoni tal-Perit Alberto Miceli li rrakomandah hu lill-konvenuta u li fil-fatt inkarigatu. Il-Perit Miceli ghamel pjanta u stima tax-xoghol li giet accettata mill-konvenuta. Hi kienet tarahom jahdmu peress li kienet toqghod fil-post u dejjem esprimiet ruhha kuntenta bix-xoghol. Wara li kienu ghamlu parti mix-xoghol talabha Lm1000 akkont, il-konvenuta talbithom ftit zmien peress li kellha l-flus l-Ingilterra u waqfu mix-xoghol bi ftehim maghha. Wara tliet gimghat il-flus kienu ghadhom ma gewx u nqala' l-inkwiet ma'

sid il-post adjacenti peress li l-kontrabejt ma kinux lestewh u kien dahallu l-ilma. Il-konvenuta qalet lill-Perit Miceli u dan qal lill-atturi li kellhom bilfors jaghmlu l-kontrabejt. Fil-fatt l-atturi ghamluh izda ma komplewx bix-xoghol minhabba l-kwistjoni tal-flus. Huma talbu lill-Perit Miceli jkejjel ix-xoghol, kif fil-fatt ghamel fil-prezenza tal-konvenuta. Wara li rceviet il-kontijiet qatt ma lmentat dwarhom.

Ix-xiehda ta' George Micallef giet ikkonfermata wkoll mill-attur l-iehor Emanuel Vella.

Waqt l-access li zamm il-perit tekniku ha konjizzjoni ta' l-ilmenti tal-konvenuta b'referenza kemm ghad-Dok. PF1 konsistenti f'lista ta' xoghol u prezzijiet mifteham u liema dokument gie esibit waqt l-access mill-konvenuta, kif ukoll ghad-Dok. A (a fol. 4 u 5 tal-process):

(1) L-ewwel ilment jirrigwarda l-*item* deskritt fid-Dok. PF1 bhala "Demolish and cart away roof to first floor including screed and sand bed. 18.0 sq.m." li dwaru l-konvenuta qalet li s-saqaf tal-kuritur/logga wara t-tromba tat-tarag ghadu originali u ma giex mibdul kif miftiehem. Il-perit tekniku, mill-kejl u kalkoli li ghamel (para. 18.1 tar-relazzjoni tieghu) ikkonkluda li s-somma pretiza ta' Lm310 ghandha tonqos ghal Lm273.83 peress li s-saqaf maqlugh jimmizura 15.9 m.k. u mhux 18 m.k.

(2) It-tieni lment jirrigwarda t-tieni *item* fid-Dok. PF1 li huwa "Demolish and cart away walls to first floor rooms and ground concrete beams (walls, 27.3 sq.m.; beam 3.3 m. long)". Il-konvenuta qalet li l-hajt ta' bejn dan il-kuritur/logga u l-kamra ta' wara ma giex imnehhi kif miftiehem, u parti ta' travu tal-konkos ta' kejl 10cm x 23cm x 183cm ghadha ma tqattatx. Il-perit tekniku kkonkluda mill-kejl li ha li l-konvenuta kienet korretta u ghalhekk is-somma ta' Lm190 trid tonqos ghal Lm124.61.

(3) It-tielet ilment jikkoncerna r-raba' *item* fid-Dok. PF1 li kien jirigwarda l-bini tas-saqaf bit-travetti u *bricks* u bl-uzu ta' *flush in situ concrete beam*. Il-konvenuta lmentat li s-saqaf ta' fuq il-kuritur/logga ma giex kostruwit kif kien miftiehem. Il-perit tekniku hawn ukoll naqqas is-somma pretiza ta' Lm320 ghal Lm254.23.

(4) Ir-raba' lment huwa dwar il-kontrabejt. Il-konvenuta qalet li ma jaqlibx tajjeb fil-katusa mill-bejt ghall-bitha. Il-perit tekniku qal f'paragrafu 17.0.(iv) tar-relazzjoni tieghu li peress li ma kienx hemm access ghall-bejt li jintlahaq biss minghand il-gar li mieghu l-konvenuta kienet miksura, huwa ma setax jikkonstata l-istess bejt, izda mill-bitha seta' jara li l-ilma li jaqa' fuq il-kontrabejt ifur fuq il-hajt tal-bitha fuq in-

naha opposta ghall-katusa. L-atturi sostnew li dan kien peress li l-kontrabejt f'dik il-pozizzjoni kien oghla mill-hajt izda li fil-fatt jaqleb ghall-katusa. Dwar dan il-punt osserva li x-xoghol ghadu mhux kompletat. Difatti l-*item* numru 13 fid-Dok. PF1 jipprovdi ghal *"Extend rear façade to garden upwards by 5 courses"*. Meta dan isir, ikun jista' jsir zgoxx ma' l-angolu tal-kontrabejt sabiex l-ilma jimxi kif suppost.

Ghal dak li jirrigwarda l-prezz mitlub ta' Lm68.40 skond id-Dok. A, il-perit tekniku osserva li mill-kejl li ha rrizultawlu 14.3 m.k. u mhux 17.1 m.k. kif indikat fl-imsemmi dokument. Huwa mbaghad ghadda biex illikwida l-ammont dovut billi kkomputa l-ammont bir-rata ta' Lm5.50 kull m.k. u ha bhala bazi l-ftehim li sar fid-Dok. PF1. Il-Qorti ma taqbilx peress li galadarba fil-kont mahrug mill-Perit Miceli r-rata kienet ta' Lm4 kull metru kwadru, kien imissu kkomputa l-ammont dovut bl-uzu ta' din ir-rata. Ghalhekk ghall-kontrabejt is-somma dovuta hija ta' 14.3 m.k. x Lm4 = Lm 57.20.

(5) Il-konvenuta lmentat ukoll dwar l-ammont mitlub ghal nies zejda. Fir-rigward tax-xoghol ta' kontrabejt intalbu Lm30 u fir-rigward tax-xoghol l-iehor intalbu Lm50. Il-perit tekniku dehrlu li, fir-rigward tal-kontrabejt, in vista ta' l-ammont ta' xoghol ridott l-atturi ghandhom jinghataw kumpens ghal parti mill-ispejjez. Ghalhekk huwa kkalkola li ghandhom jithallsu Lm14.29. Dwar is-somma pretiza ta' Lm50 peress li ma setax jintuza *crane*, il-perit tekniku qal li huwa jaqbel li kien hemm certa diffikolta` fix-xoghol izda dan huwa rifless fir-rati. *"Il-konvenuta ma ndahlitx lill-kuntratturi kif kellhom jahdmu. Jekk huma ma apprezzawx id-diffikolta` tax-xoghol u li ma setghux juzaw crane qabel ikkwotaw, wisq anqas setghet tapprezza hi, u ghalhekk accettat il-prezzijiet li gew ikkwotati lilha, liema fatt ma cahditux. Il-figura tal-'contingencies' certament ma tkoprix rati oghla jew zieda fuq prezzijiet miftehma, izda hwejjeg mhux previsti ohra u varjazzjonijiet fil-kejl"*. Ghalhekk ikkonkluda li l-ammont ta' Lm50 m'ghandux jithallas. Mill-banda l-ohra s-somma ta' Lm15 ghall-kiri ta' sellum twil ghandu jithallas ghax l-atturi ma setghux jahsbu ghalih fl-istadju tal-kwotazzjoni meta l-konvenuta ma kellhiex problemi mal-gar u seta' jhallihom jghaddu minghandu ghal fuq il-bejt.

(6) Dwar l-ilment tal-konvenuta li jidhol hafna ilma fil-kamra l-gdida meta taghmel ix-xita, il-perit tekniku rrefera ghal dak li diga` ntqal dwar li l-opra morta ta' wara ghall-gnien ghadha ma saritx u ghalhekk l-ilma li jfur mal-hajt jidhol mill-fili ghall-kamra kif ukoll mill-aperturi ta' wara. Barra minn hekk il-kontrabejt ikollu bzonn manutenzjoni minhabba li jinxtorob il-konkos gdid bi *shrinkage* u movimenti termali, u jitrabbew

xquq mad-dawra tal-kontrabejt u anke f'nofsu li jkunu jridu jigu ssigillati perjodikament u regolarment.

Hlief ghal dak li ntqal fir-raba' paragrafu dwar ir-rata li biha jrid jithallas il-kontrabejt, il-Qorti ma ssibx li ghandha ghalfejn tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet l-ohra teknici li wasal ghalihom il-perit tekniku u li huma bazati fuq l-apprezzament, fil-fehma tal-Qorti, gusta tal-provi migbura.

Is-somma totali dovuta mill-konvenuta hija ghalhekk is-segwenti:

| | |
|---|---|
| (1) Ghal hatt ta' soqfa, ecc. ………………… | Lm 273.83 |
| (2) Ghal hatt ta' soqfa, ecc. ………………… | 124.61 |
| (3) Ghal saqaf gdid …………………………. | 254.23 |
| (4) Ghal kontrabejt …………………………. | 57.20 |
| (5) Ghal spejjez ta' nies …………………….. | 14.29 |
| (6) Ghal kiri ta' sellum ……………………… | 15.00 |
| | ------------------ |
| | Lm 739.16 |
| | ------------------ |

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatment kif intqal u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuta biex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm739.16 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal kwart mill-atturi u kwantu ghal tliet-kwarti mill-konvenuta.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur